32002D0614

L 196/58 IL-ĠURNAL UFFIĊJALI TAL-KOMUNITAJIET EWROPEJ 25.7.2002

# ID-DEĊIŻJONI TAL-KUMMISSJONI

## tat-22 ta' Lulju 2002

## li temenda d-Deċiżjoni 97/467/KE dwar l-iSlovakkja għal-laħam tal-fniek

*(notifikata taħt id-dokument C(2002) 2730)*

**(Test b'rilevanza għaż-ŻEE)**

(2002/614/KE)

IL-KUMMISSJONI TAL-KOMUNITAJIET EWORPEJ,

Wara li kkunsidrat it-Trattat li jistabilixxi l-Komunità Ewropea,

Wara li kkunsidrat id-Deċiżjoni tal-Kunsill 95/408/KE tat-22 ta' Ġunju 1995 fuq il-kondizzjonijiet li jistabbilixxu, għal perjodu interim, listi proviżorji ta' stabbilimenti ta' terzi pajjiżi minn liema l-Istati Membri huma awtorizzati li jimportaw ċerti prodotti ta' oriġini ta' l-annimali, prodotti tal-ħut jew molluski ħajjin b'żewġ valvi [1], kif l-aħħar emendata permezz tad-Deċiżjoni 2001/4/KE [2], u b'mod partikolari l-Artikolu 2(1) tagħha,

Billi:

(1) Listi proviżorji ta' stabbilimenti li jipproduċu laħam tal-fenek u laħam tal-priża u imkabbra fl-irziezet ġew stabbiliti bid-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 97/467/KE tas-7 ta' Lulju ta' l-1997 li tistabbilixxi listi proviżorji ta' stabbilimenti ta' pajjiżi terzi minn liema l-Istati Membri jawtorizzaw l-importazzjoni ta' laħam tal-fniek u laħam tal-priża mkabbra fl-irziezet [3], kif l-aħħar emendati permezz tad-Deċiżjoni 2001/396/KE [4].

(2) L-Islovakkja bagħtet lista ta' stabbilimenti li jipproduċu l-laħam tal-fniek li ġew ċertifikati mill-awtorità kompetenti bħala li huma konformi mar-regoli tal-Komunità.

(3) Lista proviżorja ta' stabbilimenti li jipproduċu l-laħam tal-fniek tista' tkun stabbilita għall-Islovakkja.

(4) Id-Deċiżjoni 97/467/KE għandha għalhekk tkun emednata skond il-każ.

(5) Il-miżuri pprovduti għalihom f'din id-Deċiżjoni huma konformi ma' l-opinjoni tal-Kumitat Permanenti tal-*Food Chain* u s-Saħħa ta' l-Annimali,

ADOTTAT DIN ID-DEĊIŻJONI:

*L-Artikolu 1*

It-test fl-Anness għal din id-Deċiżjoni huwa miżjud ma' l-Anness I għad-Deċiżjoni 97/467/KE.

*L-Artikolu 2*

Din id-Deċiżjoni hija ndirizzata lill-Istati Membri.

Magħmula fi Brussel, fit-22 ta' Lulju 2002.

*Għall-Kummissjoni*

David BYRNE

*Membru tal-Kummissjoni*

---

[1] ĠU L 243, tal-11.10.1995, p. 17.
[2] ĠU L 2, tal-5.1.2001, p. 21.
[3] ĠU L 199, tas-26.7.1997, p. 57.
[4] ĠU L 139, tat-23.5.2001, p. 16.

*ANEXO — BILAG — ANHANG — ΠΑΡΑΡΤΗΜΑ — ANNEX — ANNEXE — ALLEGATO — BIJLAGE — ANEXO — LIITE — BILAGA*

**País: Eslovaquia — Land: Slovakiet — Land: Slowakei — Κράτος: Σλοβακία — Country: Slovakia — Pays: Slovaquie — Paese: Slovacchia — Land: Slowakije — País: Eslováquia — Maa: Slovakia — Land: Slovakien**

| 1 | 2 | 3 | 4 | 5 | 6 |
|---|---|---|---|---|---|
| SK 1 | BP Agrocentrum s. r. o. | Pod Jasterom Hlohovec | Hlohovec | SH, CS | a |

SH: Matadero — Slagteri — Schlachthof — δφαγείο — slaughterhouse — abattoir — Macello — slachthuis — Matadouro — teurastamo — Slakteri
CS: Almacén frigorífico — Køle-/frysehus — Kühllager — ψυκτικός χώρος αποζήκενσης — cold store — entreposage — Deposito frigorifero — koelhuis — Armazém frigorífico — kylmävarasto — Kyl- eller fryshus
a: Conejo — kanin — Kaninchen — κουνέλι — rabbit — lapin — Coniglio — konijnenvlees — Coelho — kani — kanin